MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 45/2022

It-Tnejn, 21 ta' Frar 2022

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, Żebbuġ, Għawdex fil-4.45 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Dott. Marlene Cini – Sindku
Is-Sinjura Sandra Grech – Viċi Sindku
Is-Sur Daniel Cordina - Kunsillier
Is-Sur Baskal Saliba – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

ASSENTI:

Is-Sur Nicky Saliba - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Is-Sna Odette Camilleri - Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Dott. Marlene Cini.

45.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

45.1.1 Is-Sindku nfurmat lil preżenti li s-Sur Nicky Saliba kien assenti.

45.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

45.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa nru. 44/2022-8 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

45.2.2 Is-Sindku talbet għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

45.2.3 Is-Sur Daniel Cordina talab sabiex jitneħħa paragrafu 44.7.2.6 għax qal li hu qatt ma qal li jitneħħew ftit mill-iskips. Wara diskussjoni bejn il-membri qablu li dan il-paragrafu għandu jitneħħa. Għaldaqstant malli jitneħħa dan il-paragrafu l-minuti għandhom jiġu ffirmati.

45.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

45.3.1 Is-Sindku talbet lil membri sabiex tiġi mħarsa l-protezzjoni tad-data tul il-laqgħa.

45.3.2 Is-Sindku, Dott Marlene Cini proponiet u l-membri qablu li tinħareġ offerta għal qtugħ ta' ħaxix fil-lokalita' u dan peress li mhux biżżejjed li dan il-ħaxix jinqata' darba fis-sena biss. Saħqet li d-Dipartiment għal Gvern Lokali ġibdu l-attenzjoni tal-Kunsill fuq il-pagamenti li kienu saru f'dawn l-aħħar xhur. Qalet li hemm bżonn li tinstab soluzzjoni u sostniet li l-Kunsill qed ikollu diversi lmenti fuq il-ħaxix ħażin madwar il-lokalita'.

45.3.3 Is-Sindku, Dott Marlene Cini infurmat lil membri li kienet mistiedna għal laqgħa fil-Knisja rigward l-Ġimgħa l-Kbira. Kompliet tgħid illi għada trid tiġi deċiża jekk hux ser jinħarġu l-vari

kollha fil-Pjazza jew inkella tinħareġ vara waħda fil-bieb tal-Knisja u dan peress li għadhom għaddejjin diskussjonijiet mal-Kurja t'Għawdex. Qalet li dan ser isir bħal pellegrinaġġ penitenzjali. Infurmat lil membri li l-Kunsill ġie mitlub biex jidħol f'kollaborazzjoni ma' l-għaqdiet tar-raħal bħal ma għamel fis-snin l-imgħoddiija. Il-membri qablu.

45.3.4 Is-Sindku infurmat lil membri tal-Kunsill li l-*cleaner* ta' l-uffiċċini tal-Kunsill ma tistax tiġi aktar u rringrazjatha tax-xogħol tagħha fl-uffiċċini u l-librerija. Kompliet tgħid li għalhekk instabet *cleaner* oħra.

45.3.5 Fuq proposta tas-Sindku rigward il-fondi li l-Kunsill ġie mgħoti mill-Aġenzija LESA, il-membri qablu li għandha ssir laqgħa mal-Perit sabiex jiġi diskuss aktar fid-dettal il-proġett.

45.3.6 Is-Sindku infurmat lil membri illi l-ħarruba fi Triq ta' Tuttiet ġiet miżbura wara li nġiebu l-permessi ta' l-ERA.

45.3.7 Is-Sindku, Dott Marlene Cini infurmat ukoll lil membri li s-*safety tiles* u t-*turf* tal-bandli tal-Qbajjar Promenade tlesta. Issa qed jiġi tranġat ukoll il-*playing field equipment.* Il-Kunsillier Daniel Cordina ġibed l-attenzjoni illi l-*outdoor gym equipment* għandu bżonn manteniment peress li qed jissaddad. Il-Kunsillier Daniel Cordina ġie nfurmat li l-Kunsill diġa' qed jieħu ħsieb sabiex issir il-manutenzjoni meħtieġa fuq dan il-*gym equipment.*

45.3.8 Is-Sindku infurmat lil membri li ġiet ixerjata l-paġna Nadur Nadif fuq l-*facebook page* tal-Kunsill peress li dan qed jiġbor volontieri sabiex inaddfu l-lokalita' tagħna. L-għan ta' dan il-grupp hu li isir *clean up* fit-tlett għoljiet t'Għawdex, cioe' iż-Żebbuġ, ix-Xagħra u n-Nadur. Is-Sindku kompliet tgħid li tkelmet mal-Viċi Arċipriet u dan ser jgħin biex jinstabu żgħażagħ li jgħinu volontarjat. Il-Kunsill għandu jiprovdi l-materjal. Il-Kunsillier Daniel Cordina propona u l-membri appoġġjawh illi bħala Kuinsilliera għandhom l-ewwel darba jieħdu sehem huma lkoll f'dan il-*clean up.* Is-Sindku għandha tikkordina mal-Viċi Arċipriet rigward dan il-proġett.

45.3.9 Rigward il-*main ta' l-ilma* fil-Bajja tal-Qbajjar, liema materja kienet ġiet diskussa f'laqgħat preċedenti, il-membri ġew infurmati illi

sabiex jgħaddi dan il-*main ta' l-ilma* f'idejn il-Kunsill, l-Kunsill irid jgħin lil Gozo Sailing Club għal *encrochment* ta' l-art fil-Qbajjar stess. Il-membri ma qablux ma dan u għalhekk l-Kunsill għandu japplika hu għal meter ta' l-ilma. Il-Kunsillier Cordina qal li sabiex jitnaqqas l-abbuż kull min għandu bżonn juża dan l-ilma għandu jkollu *card b'cippa* u li din tiġi ittupjata bħal dak simili li hemm fil-menqa. Qablu wkoll li ma dan il-meter għandu jsir *shower* ukoll. Il-membri qablu li s-Seg. Eżekuttiv għandha tiġbor aktar informazzjoni rigward kif għandu jitħaddem dan il-vit. Il-Kunsillier Cordina ġibed l-attenzjoni ukoll sabiex terġa tintbgħat *reminder* lil Ministeru għal Għawdex fuq l-*islip way* tal-Qbajjar sabiex titranġa peress li hemm il-permessi tal-PA.

45.3.10 Is-Sindku nformat lil membri li hemm bżonn li l-latrini pubbliċi ta' Pjazza l-Assunta jitranġaw il-ħitan minħabba l-umdita'. Kompliet tgħid li ingħatat parir minn persuna teknika li dawn il-ħitan jiġu miksija bil-madum minn ħaddiem tal-Kunsill. Il-Kunsillier Cordina propona wkoll li jsir *extractor fan* ukoll li jkun jixgħel bit-timer. Il-membri qablu ma dawn iż-żewġ proposti.

45.3.11 Is-Sindku informat lil Kunsilliera inxtara l-ikel għal qtates tat-triq. L-*annimal steward* ikkuntatjat lil *cat feeders* sabiex matul dan il-*weekend* jitqassam l-ikel mill-ħaddiema tal-Kunsill.

45.3.12 Is-Sindku Dott Marlene Cini infurmat lil membri li l-librerija qed tinfetaħ minn żewġ ħaddiema tal-Kunsill u li inxtraw *bookmarks* sabiex jħeġġu aktar tfal jaqraw. Proponiet li jinxtraw aktar kotba għal librerija. Il-membri qablu. Infurmat ukoll lil membri li ġew printjati *sympathy cards* bl-arma tal-Kunsill.

## 45.4 Jum iż-Żebbuġ

45.4.1 Is-Sindku nfurmat lil membri li Jum iż-Żebbuġ hu fit-28 t'April. Minħabba l-pandemija iċ-ċerimonja għandha ssir b'mod ridott. Għaldaqstant proponiet illi fit-30 t'April ssir quddiesa ta' radd il-ħajr bis-sehem tal-Banda u l-korijiet, jingħata ġieħ iż-Żebbuġ u ssir bibita' fuq iz-zuntier. L-għada 1 ta' Mejju isir it-tberik ta' l-annimali, jinġab *bouncing castle* u jitqabbad fotografu li joħroġ *instant photos* biex jingħataw lit-tfal u jitpoġġew fi *frames.* Din l-attivita' għandha ssir billi tingħalaq nofs il-Pjazza. Il-membri qablu

f'dan ir-rigward. Is-Sindku proponiet li Ġieħ iż-Żebbuġ għandu jsir fuq rakomadazzjonijiet mir-residenti billi jintefew in-nomini f'kaxxa isiġillata u wara li tinfetaħ il-kaxxa waqt laqgħa bejn il-membri u hemm jiġi magħżul min jieħu dan il-Ġieħ. Kompliet tgħid li qed tipproponi dan sabiex ikunu ir-residenti stess li jgħażlu min għandu jingħata l-Ġieħ u dan biex ir-residenti jkollhom leħen fil-Kunsill. Kompliet tgħid li jitqassam avviż fiż-Żebbuġ u Marsalforn sabiex kulħadd ikun infurmat li l-Kunsill ikun qed jilqa' dawn in-nomini. Qalet li ħafna mill-Kunsilli qed jagħmlu hekk. Il-Viċi Sindku qablet mas-Sindku f'dan ir-rigward. Il-Kunsillier Daniel Cordina oppona għal dan u qal li l-Kunsill fil-passat dejjem sab ftehim madwar il-mejda u qatt ma ħadmu b'dan il-mod. Kompla jgħid li l-Kunsill kien qabad rutina li dan il-Ġieh jingħata lil Ex-Sindku u Ex-Kunsilliera. Għaldaqstant propona li dan il-Ġieħ għandu jingħata lil Ex-Sindku l-Kav. Charlie Saliba peress li hu l-uniku Sindku li għadu ma ngħatax dan il-Ġieh. Hawn il-Kunsillier Baskal Saliba iddikjara konflitt ta' nteress u għalhekk ma daħalx f'din id-diskussjoni. Il-Kunsillier Daniel Cordina propona wkoll li jingħataw rikonoxximent dawn is-sitt persuni: Mario Vella, Joe Saliba, Anthony Zammit, Stephen Dimech u Joseph Cini peress li dawn taw ħafna xogħol volontarju lil lokalita', waqt li dan ta' l-aħħar ukoll kien medjatur bejn l-għaqdiet. Emanuel Cini bħala disinjatur kemm fil-Każin tal-Banda u fil-Knisja.

Is-Sindku infurmatu li sfortunatament hi u l-Viċi Sindku ma jaqblux kif għandha ssir l-għażla. Kompliet tgħid li ma għandha xejn kontra dawn il-persuni li jingħataw ġieħ jew rikonoxximent pero' tħoss li l-għażla għandha tkun f'idejn ir-resident u mhux bejn il-ħames membri tal-Kunsill. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li din mhix kwistjoni politika peress li l-persuni li semma ġejjin minn politika differenti. Kompla jgħid li s-sena l-oħra kien hemm qbil li dan l-unur jingħata lil Marnol Sultana pero minħabba l-pandemija dan ma sarx. Qal li diġa tkellem mas-Sur Sultana fejn dan fehem iċ-ċirkustanzi u għalhekk dawn il-persuni jixirqilhom dan l-unur. Il-Kunsilliera Sandra Grech qalet li anke l-Iskola Primarja tar-raħal jixirqilha dan l-unur peress li taħdem ħafna għal ġid ta' persuni bid-dyslexia. Is-Sindku żieded tgħid li tħoss li hawn ħafna persuni li ħaqqhom dan l-unur u għalhekk tifhem li l-aħjar mod li tintgħażel din il-persuni hi bin-nomini bl-aktar mod demokratiku. Il-Kunsillier Cordina fakkar li meta propona persuna l-ex Sindku ta'

qabel dejjem taħ l-appoġġ. Is-Sindku wieġbet li ma tixtieqx tkun suġġettiva sabiex kulħadd ikun jista' jitfa' in-nomini. Billi ma kienx hemm qbil f'dan ir-rigward din il-materja għandha terġa' tiġi diskussa.

45.5 Financial Statement

45.5.1 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li dawn għadhom ma jistgħux jiġu preżentati peress li l-Kunsill għadu qed jistenna xi fatturi tas-sena 2021 minn għand xi kuntratturi.

45.6 Mistoqsijiet/Suġġerimenti mill-Kunsilliera.

45.6.1 *Il-Viċi Sindku Sandra Grech ressqet dawn il-punti:*

45.6.1.1 Talbet sabiex issir pressjoni fuq il-Ministeru għal Għawdex għal kisi mill-ġdid ta' Triq il-Qbajjar.

45.6.1.2 Talbet sabiex tintbgħat *reminder* lil Perit sabiex iħejji pjanta bil-*parking bays* fi Triq il-Qbajjar.

45.6.1.3 Saħqet li hemm bżonn ta' aktar dixxiplina fil-Menqa. Qalet li it-tfal ikunu qed jieħdu ġost jiġru u jilgħabu u l-karozzi il-ħin kollu deħlin meta din hi żona pedonali. Is-Sindku proponiet li tinġibed l-attenzjoni tal-pulizija tal-kommunita'. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li hu kiteb pubblikament u ma sab appoġġ ta' ħadd.

45.6.1.4 Proponiet sabiex Triq il-Qbajjar fejn ir-razzett issir bid-dawl minħabba li hemm ħafna dlam. Il-membri qablu li tintbgħat talba lil Ministeru għal Għawdex.

45.6.1.5 Talbet sabiex issir aktar dixxiplina fuq ir-rimi tal-borża s-sewda.

45.6.1.6 Staqsiet meta għandu jinbeda' x-xogħol fi Triq Għar Qawqla. Is-Sindku nfurmata li l-kuntratti tad-DPF ġew iffirmati, il-kuntratti mal-kuntratturi ukoll ġew iffirmati u x-xogħlijiet ser jibdew malli jasal il-materjal minn barra.

45.6.1.7 Infurmat lil membri li għandha talba sabiex id-*disabled parking bay* fi Triq Kappillan Franġisk Vella tiċċaqlaq ftit metri l-isfel minn

fejn tinsab. Il-Kunsillier Cordina qal li din ir-residenta wkoll kellmitu f'dan ir-rigward u ukoll talbet li din il-kaxxa tkun personalizzata u mhux *communal*. Il-membri qablu li din it-talba tgħaddi għand Transport Malta.

45.6.1.8 Talbet sabiex jiżdiedu l-bankijiet li hemm fil-front ta' Marsalforn u jsiru bid-dahar. Is-Sindku infurmata li dawn ser isiru mill-Ministeru għal Għawdex.

45.6.2 *Il-Kunsillier is-Sur Daniel Cordina ressaq dawn il-punti:*

45.6.2.1 Rigward Triq il-Port jaqbel mal-kollega l-Viċi Sindku. Qal li l-aħjar ħaġa hi li qatt ma tittieħed deċiżjoni ħalli tibqa' maħbub. Kompla jgħid li s-sidien ta' l-istabilimenti jridu jħallu l-ispazzju lil pubbliku. Qal li hu pubblikament fuq il-midja soċjali kiteb li Triq il-Port m'għadiex tal-pubbliku. Qal ukoll li tifel żgħir li kien għaddej bir-rota kien ser jintlaqat minn karozza. Fakkar li dik hi żona pedonali u l-ġenituri għandhom ikollhom serħan il-moħħ. Kompla jgħid li hemm bżonn ta' aktar infurzar. Is-Sindku qalet li nhar il-ħamis li ġej ser issir il-laqgħa li ssir kull xahar mal-pulizija u stidnet lil membri sabiex jattendu għal din il-laqgħa. Il-Kunsillier Cordina qal li jirringrazzja lil pulizija tal-kommunita' pero saħaq li persuna waħda mhix biżżejjed. Sostna li l-Kunsill għandu jieħu *stand* f'dan ir-rigward.

45.6.2.3 Rigward il-parti tat-triq li qed iċedi fi Triq Għajn Mhelhel. Qal li hemm bżonn li titranġa mill-aktar fis possibli għax perikoluża. Is-Sindku infurmatu li diġa iltaqgħet mal-Perit fuq il-post f'dan ir-rigward u infurmaha li hemm spiża kbira sabiex titranġa. Għal dan il-għan il-membri qablu li ssir talba urġenti lil Ministeru għal Għawdex.

45.6.2.4 Rigward il-passaġġ li ddawwal fil-Bajja ta' Taħt ix-Xifer. Propona li jitwaħħlu *bollards* fuq iż-żewġ naħħat bħal dawk simili li saru fix-Xwejni sabiex ma jidħlux karozzi. Il-membri qablu. Propona li għandhom isiru pjanti sabiex jitħaddar il-passaġġ. Kien hemm qbil li ssir talba lil Ministeru. Propona wkoll li jerġew jinżebgħu l-*pots* tal-ġebel u jitħawlu xtieli fihom. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jistaqsi lil ispeċjalista tal-pjanti ħalli jitħawlu xtieli li jifilħu għal elementi fix-xhur sajfin.

45.6.2.5 Qal li Daħlet l-Għerejjex hemm gandott mgħola sular perikoluż u propona li jsir *railing* ma tulu. Il-membri qablu li din għandha tiġi mitkelma mal-Perit tal-Kunsill.

45.6.2.6 Talab sabiex terġa ssir *reminder* biex jinżebgħu is-sinjali tat-traffiku ta' fejn l-impjant.

45.6.2.7 Talab sabiex jitranġa l-ħajt li waqa' għat-triq fi Triq ta' Ċikku. Il-membri qablu. Talab ukoll li għandu jitranġa wkoll il-passaġġ li jinstab ftit l-isfel. Il-membri qablu li dan issir imbasta dan il-passaġġ hu pubbliku.

45.6.2.8 Rigward il-ħajt tat-triq li ċeda fi Triq Wied l-Abjad. Il-membri qablu li dan għandu jsir sabiex jitneħħa l-perikolu.

45.6.2.9 Propona sabiex issir ħadida ma' bankina fi Triq il-Madonna taċ-Ċiċċri sabiex ir-residenta tkun tista' tinżel minn fuq il-bankina. Il-membri qablu.

45.6.2.10 Talab sabiex tintbgħat *reminder* lil Transport Malta fuq il-*communal Disabled parking space* fejn is-Sagħtrija.

45.6.2.11 Fakkar lis-Seg. Eżekuttiv sabiex tibgħat pjanta lil Avukat tal-Kunsill liema parti tal-Qolla l-Bajda qed tiġi proposta li tingħalaq.

45.6.3 *Il-Kunsillier s-Sur Baskal Saliba ressaq dawn il-punti:*

45.6.3.1 Propona sabiex Triq il-Port jitwaħħlu tabelli ta' l-*speed limit* peress li qed ikun hemm sewqan aċċessiv. Il-membri qablu li għandha ssir talba lil Transport Malta. Propona wkoll sabiex isiru CCTV *cameras* u jgħaddu f'idejn il-LESA. Din il-proposta ser tiġi diskussa fil-laqgħa tal-Ħamis mal-Pulizija.

45.6.3.2 Talab sabiex teħel *No stopping sign* fi Trejqet l-Andar kantuniera ma Triq Skapuċċina. Is-Sindku infurmatu li fejn qed tintalab li teħel din it-tabella r-resident li għandu l-għalqa tal-kantuniera ma jkunx jista' jipparkja fiha u li ġiet infurmata li hija privata. Kompliet tgħid li din ta' min hi neħħiet il-ħajt a *buona volonta* tagħha sabiex il-karozzi minn dik it-triq ma jkollhomx diffikuta' biex jidħlu u

joħorġu. Qalet ukoll li dik fuqha kien hemm kwistjoni il-qorti. Il-Viċi Sindku sostniet li l-Kunsill ma jidħolx f'litigazzjonijiet tal-qorti. Kien hemm qbil li jittieħed il-parir tal-Perit tal-Kunsill f'dan ir-rigward u wkoll issir talba ma Transport Malta għal parir x'jista' jsir sabiex ma tiġix blokkata Trejqet l-Andar kantuniera ma Triq Skappuċċina.

45.6.3.3 Talab sabiex il-Kunsill jiksi il-parti tal-passaġġ li baqa' fi Triq Sagħtrija. Qal li il-parti ta' fuq u ta' isfel kienu ġew miksija bil-konkos waqt li l-parti tan-nofs kienet tħalliet imħarbta. Il-membri qablu li l-Perit tal-Kunsill għandu jħejji BOQ f'dan ir-rigward sabiex il-Kunsill ikun jista' jasal għal deċiżjoni.

45.6.3.4 Talab għal *update* rigward il-*bye law* ta' Marsalforn. Għandha terġa tintbgħat *reminder* lil Avukat tal-Kunsill. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li hemm żewġ ristoranti f'Marsalforn li ma jriduhiex. Qal li d-DLG qed imur kontra d-deċiżjoni tal-Kunsill Lokali. Is-Sindku sostniet li l-Kunsill qed jirribatti din id-deċiżjoni.

45.6.3.5 Propona sabiex is-salib tal-Pjazza li hu ikona fil-Pjazza jiġi imdawwal. Il-membri qablu li għandu jintalab il-parir ta' l-Inġineer f'dan ir-rigward sabiex ikun jista' jiġi mdawwal.

45.6.3.6 Rigward id-*double yellow line* ta' metru fuq iż-żewġ naħħat ta' garaxx fi Triq ix-Xwejni. Il-Kunsillier Baskal Saliba ġibed l-attenzjoni li dan kull darba li jinżebah qed jiġi mħassar minn terzi persuni. Għal dan il-għan talab sabiex tinxtara CCTV *camera* li tkun tal-Kunsill u titwaħħal f'dak il-post sabiex jinqabad dak il-persuna li qed iħassru kull darba li jinżebah. X'ħin jinqabad din il-*camera* terġa tinqala. Is-Sindku infurmatu li l-Pulizija tal-Kommunita' diġa ħariġlu żewġ ċitazzjonijiet talli din il-persuna pparkjat fuq dan is-sinjal u ssuġġerixxa li isir rapport l-għassa mill-Kunsill fuq dan l-abbuż. Qalet ukoll li ma jistax ikun li kull parti tar-raħal fejn qed isiru l-abbużi issirilha s-CCTV. Kompliet tgħid ukoll li minħabba l-protezzjoni tad-data, l-Kunsill ma jistax iwaħħal dawn it-tip ta' *cameras* Proponiet sabiex dan ir-resident iwaħħal hu l-*camera* privata tiegħu u jekk ikollu xi *recordings* jgħaddihom lil pulizija.

45.6.3.7 Talab sabiex l-Avukat tal-Kunsill jiġi mistoqsi x'ġara rigward dak id-*disabled parking bay* li kien sar fi Triq Skappuċċina mingħajr il-permess tal-Kunsll.

Il-Kunsillier Baskal Saliba skuża ruħu u ħareġ mill-kamra fil-6.40 ta' filgħaxija.

## 45.7 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti

45.7.1 Talba sabiex sid il-gabbana jagħmel pots u pjanti proviżorji fil-kanal li hemm fit-triq li tieħdok għal Bajja tax-Xwejni u dan peress li n-nies qed iweġġew f'dan il-gandott. Il-membri qablu li dawn għandhom jitneħħew fix-xitwa sabiex l-ilma ikun jista' jgħaddi. Talab ukoll sabiex jinbena ħajt mat-terrapien li hemm mal-Bajja u dan peress li t-terrapien qed jinżel fuq min ikun fuq il-Bajja. Il-Kunsillier Cordina propona li l-Kunsill għandu jaħdem sabiex dik l-*area* tiġi tranġata u jsir *belvedere* kif inhu xieraq. Il-membri qablu li għandha ssir laqgħa mal-Perit f'dan ir-rigward.

45.7.2 Talba mingħand resident sabiex Triq Mingel il-Baħar tingħata l-asfalt kif ingħatat parti minn Triq Santa Marija. Il-membri qablu li għandha ssir talba lil Ministeru għal Għawdex.

45.7.3 Talba minn għand kumpanija sabiex jingħata permess mill-Kunsill sabiex tingħalaq il-Bajja tax-Xwejn għal pubbliku fis-7 ta' Lulju 2022 biex issir *private event* għal mitejn persuna. Il-membri ma qablux ma dan.

45.7.4 Talba minn għand resident sabiex il-*front* ta' Marsalforn jingħata lura lil pubbliku u l-imwejjed jitpoġġew fin-nofs minflok magħtul il-plajja. Il-membri qablu li dan l-ilment għandu jgħaddi lil Awtorita' ta' l-Artijiet.

45.7.5 Rigward iċ-ċint ta' Triq Kaċċaturi, il-Pulizija tal-Kommunita' ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill għaċ-ċint li qed jimxi u l-filata ta' fuq ser taqa' għal isfel li hemm għoli ta' madwar tlett sulari. Il-Kunsillier Cordina qal li dik it-triq qed iċċedi u hu ta' l-opinjoni li hemm isir *belvedere.* Is-Sindku qalet li jekk isir *belvedere* it-triq tidjieq u ma tkunx tista' tgħaddi il-karozza tal-linja. Il-membri qablu li għandu jintalab il-parir tal-Perit minħabba li qed iċċedi din it-triq.

45.7.6 Talba mingħand persuna li jarma trakk tat-*take away* fil-parkeġġ biswit il-Ġnien tat-Tlett Għoljiet. Dan il-persuna qed jokkupa 3 parkeġġi u għalhekk talab li il-parkeġġ jiġi orizzontali sabiex ikun jista' jokkupa parkeġġ wieħed. Il-membri qablu li għandha ssir talba ma Transport Malta f'dan ir-rigward.

45.7.7 Talba sabiex titwessa l-bankina fi Triq Santa Marija 'il fuq mill-Otters sabiex tkun aċċessibli għal persuni li jużaw siġġu bir-roti. Il-membri qablu.

45.7.8 Talba minngħand resident sabiex isir *double yellow line* faċċata tal-garaxx tiegħu fi Triq il-Kaċċaturi. Il-Viċi Sindku ddikjarat kunflitt ta' nteress u ma ħaditx sehem f'din id-diskussjoni. Is-Sindku qalet li din it-triq hija kollha garaxxijiet u għalhekk jekk isiru d-*double yellow lines* irid isir mal-faċċata kollha u ikun qed jitneħħa l-parkeġġ. Il-membri qablu li din għandha terġa tiġi diskussa.

45.7.9 Is-Seg. Eżekuttiv issottomettiet kwotazzjonijiet miġbura għal 8 bankijiet li huma magħmula minn *cast aluminium frame* u *wood plastic composite* li għandhom jeħlu fi Triq Għar Qawqla. Kien hemm qbil li tintgħażel l-irħas offerta dik għal prezz ta' €3,917.60.

45.7.10 Is-Seg. Eżekuttiv issottomettiet kwotazzjonijiet miġbura għal 3 *modules* u 2 *springers* għaż-Żebbuġ Playing Field. Kien hemm qbil li tintgħazel l-irħas offerta dik għal prezz ta' €4,777.94.

45.7.11 Is-Seg. Eżekuttiv issottomettiet kwotazzjonijiet miġbura għal *doll/play house* biex teħel fiż-Żebbuġ Playing Field. Kien hemm qbil li tintgħażel l-irħas offerta dik għal prezz ta' €4,627.58.

45.7.12 Ittra mis-Soċjeta' Filarmonika Santa Marija Żebbuġ rigward l-Attivitajiet tal-Ġimgħa Mqaddsa. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jidħol f'kollaborazzjoni.

45.7.13 Ittra mill-Korijiet Santa Marija u Reġina Angelorum rigward il-Ġimgħa Mqaddsa. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jidħol f'kollaborazzjoni.

45.7.14 Talba m'għand resident fejn talab li jiġi asfaltat parti mill-parkeġġ ta' Marsalforn u jiżdied id-dawl fejn hemm ir-razzett fi Triq il-Qbajjar. Il-membri qablu li din it-talba għandha tgħaddi għal attenzjoni tal-Ministeru għal Għawdex.

45.7.15 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li t-talba li saret mill-Kunsill sabiex issir kaxxa riservata fi Triq id-Duluri, Marsalforn għal muturi ġiet approvata.

45.7.16 Ilment Nru 04/2022
Jitlob sabiex issir *disabled parking bay* quddiem il-ħanut tiegħu IZIBET.
Il-membri qablu li għandu jimla l-applikazzjoni meħtieġa imbgħad it-talba tgħaddi lil Transport Malta.

45.7.17 Ilment Nru 05/2022
Talab sabiex titwaħħal tabella ' No cleaning of trucks from cement' fil-bidu ta' Triq il-Merżuq.
Il-membri qablu li din għandha ssir u teħel oħra simili fit-tarf tal-parkeġġ ta' Marsalforn.

45.7.18 Ilment Nru 06/2022
Titlob sabiex jitnaddaf il-wied ta' Marsalforn peress li l-ilma aħdar u maħmuġ.
Is-Sindku infurmat lil membri li diġa' saret talba lill-Awtorita' kkonċernata.

45.7.19 Ilment Nru 07/2022
Jitlob sabiex titwaħħal bozza ġdida faċċata tad-dar tiegħu fi Triq is-Sagħtrija.
Il-membri qablu li min qed jitlob din il-bozza għandu jġib dikjarazzjoni bil-miktub mingħand sid il-post li ma jsibx oġġezzjoni li din il-bozza teħel mal-ħajt tiegħu.

45.7.20 Ilment Nru 08/2022
Talab sabiex tiddawal iktar Triq ir-Rabat in-naħħa tal-front
Il-membri qablu ma dan u għalhekk għandu jintalab il-parir ta' l-Inġineer.

45.7.21 Ilment Nru 09/2022
Talab sabiex jitnaddaf il-ġibjun tal-Gvern li hemm fi Triq Għajn Mhelhel.
Il-membri qablu.

45.7.22 Ilment Nru 10/2022
Talab sabiex tinkesa il-biċċa sqaq li hemm fi Sqaq fi Triq Madonna taċ-Ċiċċri.
Il-membri qablu ma' dan pero' il-Kunsillier Cordina żied jgħid li m'għandniex ninsew Triq il-Ponta.

45.7.23 Ilment Nru 11/2022
Talab sabiex isir iż-żbir tas-siġar taż-żebbuġ li hemm fit-tela' ta' Triq il-Knisja u fi Triq Wied l-Infern.
Il-membri qablu ma dan u għandu jitqabbad il-kuntrattur il-ġdid.

45.7.24 Ilment Nru 12/2022
Talba sabiex jitranga l-*equipment* tal-Qbajjar Promenade.
Kien hemm diġa qbil f'dan ir-rigward.

## 45.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

45.8.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 31/2022 għall-perjodu ta' Frar 2022 li tammonta għal €45,906.59 ġiet approvata u ffirmata mill-membri.

## 45.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

45.9.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.50 ta' filgħaxija. Id-data tas-seduta li jmiss ġiet miftehma għal nhar il-Erbgħa, 30 ta' Marzu 2022 fil-5.00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Dott Marlene Cini | Odette Camilleri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |